# It-Tieni Fazi tal-Progett
## ...ikompli r-ristrutturar tal-lokal



*It-twaqqiegh tas-sulari kollha u l-bini tas-sular tirren. Fosthom naraw il-hitan divizorji ta' mal-girien...*





*...il-bini tal-hajt ta' wara li jaghti*

*ghall-bitha…*



http://geocities.com/bandakuncizzjoni/main.html

## Fil-Harga li jmiss ta' "Il-Bandist"

- It-Tieni fazi tar-Rikostruzzjoni tal-Lokal. Fejn wasalna….
- Thejjija ghall-festa ta' l-Immakulata Kuncizzjoni fl-1 ta' Lulju 2007

# Il-Bandist


Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni ~ A.D.1979

5, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun. HMR1880. Tel:21248952

*www.geocities.com/bandakuncizzjoni/main.html*

**Harga Nru. 26**
**Marzu ~ '07**


### Kelmtejn ta' l-Editur

Ghaziz qarrej, filwaqt li nroddlok hajr talli rega` ghogbok titfa ghajnejk fuq dawn l-erba` kelmiet ta' dan il-fuljett, nawguralek l-Ghid it-tajjeb, lilek u lill-familja kollha tieghek. Fil-messagg tieghi ta' l-ahhar harga, accennajt ghad-dati tal-bidu tat-Tieni Fazi tal-Progett ta' ristrutturazzjoni tal-lokal taghna. Nista` b'wicci minn quddiem nghid li issa l-progett beda u kwazi tlestew ix-xogholijiet kollha ta' twaqqiegh u bini. Kif jghid il-Malti "il-kbir lest". Issa wara dawn ix-xogholijiet tant ippjanati tajjeb mis-sur Martin Busuttil, ikun ghad fadal l-irfinar, cioe il-kisi ta' l-appoggi, madum, dawl ilma, drenagg u tibjid. Apparti dawn, hemm l-aperturi kollha li nfethu godda. Kellna diversi problemi waqt ix-xoghol, fosthom il-problema ta' nixxiegha tad-drenagg li kien hiereg taht il-pedamenti tal-kazin. Sforz il-koperazzjoni ta' bejnietna din il-problema nghelbet u bqajna ghaddejjin bix-xoghol. Problema principali kienet x'ser jigri mill-bar waqt il-hima. Ghall-grazzja t'Alla u bil-koperazzjoni tas-sur John Cardona l-bar inzamm miftuh, barra perjodu qasir sakemm issaqqaf il-pjan terren.

INTI tista tkun ta' utilita kbira. Dawk kollha li jixtiequ jirreklamaw jew jiktbu xi artikli huma mhegga sabiex jibaghtu l-materjal taghhom fuq l-E-mail t'hawn taht jew jiktbu ittra u jindirrizzawha "Editorjal il-Bandist" fl-indirizz t'hawn fuq. Grazzi mill-qalb


***E-Mail*** *~ bandakuncizzjoni@hotmail.com*



***Bord Editorjali***

Josef Spiteri
Lewis Bezzina
Salvinu P. Zammit

***Proof Reading***

Frans Bezzina

***Hajr***

Frans Bezzina
Helpers li jqassmu l-fuljett

Dan il-fuljett gie mitbuh bl-approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.


***Il-Bord Editorjali jawgura lill-qarrejja tieghu, l-Ghid t-Tajjeb***


**© Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni Hamrun**

# Mid-Djarju tal-Kumitat

Mid-Djarju tal-Kumitat

Saru diversi laqghat bejn membri tal-kumitat biex jikkordinaw ix-xoghol li ser isir.

Ergajna ghamilna Emendament Zghir fil-pjanta originali biex nerbhu ftit spazju iehor mit-terazzin. B'hekk kabbarna is-sala ta' fuq. Irrangajna wkoll it-tarag ta' fuq li ser ikun aktar accessibli u iktar komdu.

Lqajna fostna flimkien mall-poplu tal-parrocca l-Ecc. Tieghu l-Arcisqof ta' Malta Mons. Paul Cremona waqt li kien sejjer ghall-velja ta' talb qabel il-proklama tieghu.

Bhala parti mill-pjani taghna, gibna lill-perit Michael Falzon sabiex jghatina aktar pariri biex nirrangaw ghall-ahjar il-post. Fosthom ukoll gie jara l-problema tan-nixxiegha tad-drenagg u tana l-pariri mehtiega biex inkomplu mexjin.

*Il-pjan tat-twaqqiegh u bini kien kif gej:*

*Tithaffer l-bitha biex insibu l-gebel ghaall-pedamenti.*
*Jinbena l-hajt tal-bitha u l-hitan divizorji ta' mall-girien.*
*Jitwaqqa minn fuq s'isfel u jinhareg il-materjal kollu.*
*Jissaqqaf isfel*
*Jinbena l-ewwel sular bit-terazzin u jithalla l-ispazju mehtieg ghat-tarag ta' fuq.*
*Jissaqqaf fuq*
*Tinbena l-Kamra tal-Bejt*
*Jitlesta t-tarag biex jkollna access ghall-fuq il-bejt.*
*Jitwaqqu ghall-hajt divizorju ta' l-ewwel sular u t'isfel biex b'hekk ix-xoghol ikun lest u l-kazin ikun kiber gmielu.*

... Tkompli ghall-pagna 6



... Tkompli minn Pagna 6

teri. Qed nigbru l-istimi mehtiega ghall-labarda gdida ghalih u qed isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex l-istandard ikun lest sal-festa li gejja. Il-labarda qed jiehu hsiebha d-delegat banda, s-sur George Ciappara.

Kellna diversi tahditiet mal-kunsill lokali Hamruniz u mas-surmast innifsu biex norgannizzaw attivitajiet minhabba li din is-sena wkoll jahbat l-20 Anniversarju mill-hatra tas-surmast direttur taghna Mro. John Ivan Borg, u l-40 sena mit-twaqqif tal-parrocca. Fuq dan l-argument ghadna qed niddiskutu. Fost l-ohrajn is-surmast offra li jikteb Innu Popolari sabiex jindaqq fil-festi.

Il-BARMAN IL-GDID
IS-SUR JOHN CARDONA

JISTEDINKOM TASLU WASLA SAL-KAZIN ISSA B'AKTAR APITIZERS VARJATI F'ATMOSFERA FAMILJARI.

# Mid-Djarju tal-Kumitat

... Tkompli minn Pagna 2

Qed niehdu l-istimi ghall-aperturi kollha li jlahhqu madwar 3 bibien u 5 twieqi tal-aluminium, u 2 bibien tal-hadid. Stimi li qed nigbru wkoll huma fuq il-madum kemm ta’ l-art u anke` tat-toilets u l-kcina tal-bar.

Raprezentanti mill-kumitat attendew ghall-Laqgha Generali Annwali ta’ l-Ghaqda Kazini tal-Banda, li saret fil-bini ta’ l-istess socjeta`, fejn wkoll inghata feedback fost l-ohrajn, fuq is-seminar.

Kellna ukoll laqghat mall-kummissjoni festa u mas-surmast direttur dwar il-festa 2007. Fosthom, bi qbil mal-kummissjoni festa, ser nergghu nirrevedu t-toroq kwazi kollha li minnhom jghaddu l-marcijiet taghna, peress li din is-sena ser indoqqu l-Hamis, l-Gimgha, s-Sibt u l-Hadd filghodu. Dan biex kemm jista` jkun nolqtu kull triq fil-parrocca.

Wara diskussjonijiet twal dwar jekk l-istandard ghandux jigi rrakmat jew impitter, minhabba li s-somma tar-rakmu, kienet ser tkun wahda fenomenali, l-kumitat qabel li x-xoghol fuq l-istandard il-gdid ghandu jkun pittura, li giet fdatha f’idejn is-sur Josef Spi-

***<u>Reklamar fuq il-fuljett</u>***

Dawk kollha li jixtiequ jirreklamaw fil-programm annwali li jigi ippubblikat fiz-zmien il-festa jistghu jitkellmu mal-membri tal-kumitat.

... Tkompli ghall-pagna 7



# kelmtejn tal-president

Fl-2001 meta gejt mghajjat biex nokkupa l-kariga ta’ President ta’ l-Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni, bdejt mill-ewwel nahseb biex is-socjeta taghna jkollha lokal aktar decenti. Issa l-2007 qeghdin fil-lokal msejjah il-gdid, li minn mindu okkupajnieh, graw diversi fatturi. Xtrajna dar il-Warda, irrenovajnijha f’kazin tal-banda bil-mezzi li kellna dak in-nhar. Issa li ghad-dew sitt snin ergajna qeghdin fl-istess pozzizzjoni ta’ tkabbir tal-lokal taghna.

Il-kumitat li ghandi, u dawk li kien hemm qabel, dejjem qaghadna attenti li l-flus nofquhom b’kawtela mill-ikbar. Ilkoll naqblu, li l-flus qegh-din hemm biex nuzawhom, imma b’mod tajjeb ghall-gid tal-membri taghna. Hawn nhoss li l-membri taghna ghandhom jaslu wasla sal-kazin u jaraw b’ghajnejhom ix-xoghol li qieghed jsir. Napprezza jekk hawn xi membru f’pozizzjoni li jista jghin kemm finanzjarjament u anke mod iehor. Dan ikun apprezzat hafna. Inhossuna wkoll iffurtunati li Martin Busuttil qieghed jaghtina servizz mill-aqwa f’dik li hi kostruzzjoni taht is-supervizzjoni tal-perit Michael Falzon. Lill-Perit Falzon dejjem insibuh kull meta jkollna bzonn. Nittamaw li fi zmien qasir il-progett ikun lest. Nistghu nghidu li l-bini lest u naturalment issa jonqos li narmaw il-parti gdida, bid-dawl u ilma, madum, twieqi ecc.

Bhal ma tafu, issa ghandna segretarju gdid. Il kumitat qieghed il-hin kollu jara x’jorganizza biex intejbu l-pozizzjoni finanzjarja taghna. Qeghdin ukoll nistudjaw kif jista jkollna STATUT aggornat, dana qieghed jsir b’xoghol delikat li qieghed iwettaq l-ass-segretarju Lewis Bezzina. bl-ghajnuna es-perta tal-Ex president tas-socjeta` s-Sur Charles Bondin. Hawn ta’ min isemmi li ahna qeghdin ukoll attententi ghall-introduzzjoni tal-Ligi il-gdida tal-NGO’s. Bhal ma s-sena li ghaddiet l-kumitat baghat lil Josef Spiteri ghall-kors fl-ammistrazzjoni, issa qeghdin ukoll nibghatu lill-kaxxier ghal kors iehor. L-Ghaqda Kazini tal-Banda qieghda taghmel mill ahjar biex tghin lill-membri taghha fl-*Upgrading* ta’ kull Kazin tal-Banda.

Qeghdin wkoll fi stadju avvanzat li jkollna Standard gdid, bicca xoghol li qeghda f’idejn Josef Spiteri. Nittamaw illi sal-festa li gejja jkollna l-istandard lest.

Fl-ahhar nett nittana li din is-sena naghlquha bi kbir f’Dicembru. Dettaliji naghtuhom aktar -il quddiem.

# Il-Gganti tal- Muzika

Il-Gganti tal- Muzika

... minn Frans Bezzina

Morris Gershovitz halla r-Russja ghal New York madwar is-sena 1892. F'mohhu dejjem kellu l-'Holma Amerikana' u t-tfajla sabiha Rose. Bhal hafna emigranti Lhud il-koppja ssetiljat fin-naha fqira ta' New York. L-ewwel tifel Israel {Ira} twieled fl-1896 u sentejn wara, fl-21 ta' Settembru gie Jacob {George}. Kunjomhom Gersgovitz bidluh Gershwin. It-tama tal-familja kienet f'Ira li kien bravu hafna waqt li George kien dejjem mohhu bir-roller skates fit-toroq. Fil-1910 Rose xtrat piano lil Ira, izda kien George li beda jit-ghallmu.

George beda jiehu l-lezzjonijiet tal-piano, izda l-ghalliema tieghu xejn ma kienu sodisfatti bih, sakemm madwar is-sena 1922 hadu f'idejh Charles Ham-bitzer. Dan introduca il-muzika ta' Chopin, Liszt u Debbussy lit-tfajjel George fejn wera li seta jkun pianist tal-kuncerti. Dawn it-tamiet battew temporanjament meta missieru baghtu jittrenja ta' Accountant.

George ma kellu l-ebda interess fl-accountancy. F' 1914 ipperswada lil ommu biex jitlaq. Go 'Tin Pan Alley', naha go New York popolata minn hafna li jippublikaw muzika popolari, George beda bhala riklamatur tad-diski kontra r-rieda ta' missieru. Ix-xoghol ta' Goerge kien li jdoqq songs godda ghal xerrejja prospettivi tal-manuskritti. Kien jaqla' hmistax-il dollari fil-gimgha fejn ghal tifel ta' hmistax–il sena kien hlas ragonevoli. Ghal l-ewwel darba kien espost ghall-muzika popolari. George beda jhoss li kien jixraqlu aktar minn hekk. Fil-1917 ghalkemm kien ghadu tfajjel kellu diga' hafna kanzunetti minn tieghu ppub-likati. L-impjegati tieghu Remich & Co, raw ukoll li George kien jisthoqqlu ah-jar, u ppublikawlu r-'Rialto Ripples' li kien xoghol ghall-pjanu.

George tefa' ghajnejh fuq it-teatru. Fil-1917 telaq lil Remick u sab xog-hol ta' pjanista go Broadway. Ghalkemm hafna mill-ewwel shows tieghu kienu flop, dan it-tfajjel samrani Lhudi kien influwenza hafna produtturi tat-teatru. Ta' 22 sena fl-1920 Georga sploda fil-popolarita' bhala kompozitur. Al Jolson irre-kordja d-diska 'Swanee' li Gerswhin kien kiteb sena qabel. Inbieghu miljuni ta' kopji u George minnha ghamel fortuna. Din kienet l-akbar hit fil-karriera tieghu. Hawn beda s-success fuq skala kbira. Minhabba l-fama li akkwista gie mqabbad jikteb il-muzika ghal George White's Scandal. George baqa' jikteb ghal produt-turi ohra wkoll. Fl-1932 mar l-Ingilterra bis-show tieghu stess ' Rainbow' li ma kinitx xi success kbir, pero' biha sar jinghogob mis-socjeta' ta' Londra.

Ghalkemm qatt ma zzewweg Gershwin, kemm fl-Istates u anke fl-Ingilterra kien jingieb man-nisa u dan kien igib l-ghira ta' l-irgiel l-ohra shabu. Kien delettant kbir tal-pittura fejn Picasso u Chagall kienu l-favoriti tieghu. Hu stess kien iqatta' l-hin ipingi. George ried jghaqqad il-muzika tieghu mal-folk Amerikan tas-seklu 20. IL-kapulavur 'Rhapsody in Blue' gie ppublikat fl-1924. Hawn l-istatura tieghu ta' kompozitur kienet assigurata. Komplew is-successi, is-show' Lady be Good', bi Fred Astaire, kitibha flimkien ma' huh Ira. Fin-1925 saret l-ewwel rapprezentazzjoni tal-'Piano Concerto in F'. Fis-sena 1928 ghamel tour ma' l-Ewropa u l-bliet kapitali ssahhru bih. Fl-istess sena tana 'An American in Paris'.

Hafna Amerikani bhalu kienu f'diffikulta', pero' Gerswhin ma kien jonqsu xejn. Kellu flus, successi u kull ma xtaq. Pero hass li kien ghad baqaghlu x'joffri. Mar Hollywood fejn hu u huh Ira kienu jikkomponu muzika ghal films. Kienu dahhlu 100,00 dollaru. Gerswhin beda jqatta' hafna hin f'parties li jlellxu, jilghab il-golf u mat-tfajliet ta' Hollywood. Fin-1931 ikkompona ghas-show 'Of Thee I Sing'. Din rebhitu l-Pulitzer Prize ghad-drama. Ghalkemm kellu hafna hbieb tal-qalb nisa , qatt ma ried relazzjonijiet serji. Qabditu bhal depression li min-habba fiha kellu jbati hafna dizordni fl-istonku.



Wara sensiela ta' dizappunti fil-1933, kiteb l-opra ' Porgy and Bliss' li kienet success enormi. Mar New York fejn il-muzika jazz tieghu imhallta ma' l-opra xejn ma nizlet tajjeb mas-sinjuri ta' hemmhekk. Iddizgustat, rega' mar ma' huh go Hollywood fejn ikkomponew hafna muzika ghall-films ta' Fred Astaire, kollha b'success kbir. Hawn Gershwin beda jhoss l-emozzjoni ta' l-imhabba, l-ewwel ma' l-attrici Franciza Simone Simon, imbaghad mal-mara ta' Charlie Chaplin, Paulette Goddard izda din irrifjutatu. Fil-1937 ta' 38 sena, bdew ituh l-isturdamenti. It-tobba wahhlu fl-istress u f'hafna xoghol zejjed, u ordnawlu mistrieh assolut. Izda Gershwin kompla sejjer lura, u fid-9 ta' Mejju waqa' f'koma. Zviluppalu tumur f'mohhu u operawh malajr jumejn wara, izda miet bla ma lahaq gie f'sensieh. Id-dinja tilfet kompozitur li l-istil uniku tieghu malajr ghamlu popolari. Illum id-dinja ghadha titpaxxa bix-xoghlijiet kbar tieghu.